Nota Editorjali: Jannar, 1975

*Din l-Edizzjoni tal-"Law Journal" ħarġet wara ġimgħat twal ta' xogħol iebes tal-Bord Editorjali. Ma nippretendux illi dan il-"Law Journal" hu perfett: jidhrilna biss illi ma stajniex nagħmlu aħjar fil-ħin limitat u bil-finanzi daqstant limitati li sibna quddiemna.*

*Il-għan tagħna kien u jibqa' illi noffru lill-Università u lill-professjonijiet legali ta' pajjiżna forum rispettabbli fejn jistgħu jiġu ippreżentati veduti u artikli fil-qasam legali. Għaldaqstant, il-Bord ħadem biex jibni għall-ġurnal sisien aktar sodi u dejjiema. Iżda Bord Editorjali ma jistax jilħaq dawn l-għanijiet waħdu. Jeħtieġ l-ewwel illi dawk kollha li jgħallmu jew jipprattikaw id-dritt f'dan il-pajjiż jifhmu li ġurnal bħal dan qiegħed jimla vojt li għandu jimtela. Imħallfin, Maġistrati, Avukati, Nutara, Prokuraturi Legali, kif ukoll membri tal-Korp Akkademiku għandhom jagħmlu kull ma jistgħu biex il-ġurnal ma jmutx minħabba nuqqas ta' artikli. Hekk biss fil-pajjiż tista' titrawwem kuxjenza ta' Letteratura Legali Maltija. Fl-istudenti wkoll għandha titnissel dik il-kuxjenza meħtieġa sabiex iwettqu fil-kitba frott l-istudji tagħhom għall-ġid ta' kullħadd.*

*Din il-ħarġa tipprova tkun xhieda ta' kif il-Bord jaħsibha dwar x'għandu jkun il-ġurnal. Għamilna li stajna biex inżommu bilanċ bejn artikli ta' professjonisti u dawk ta' studenti. Ippruvajna wkoll nifthu l-kamp billi nkludejna kontribuzzjonijiet ta' "accountant", psikjatra u espert forensiku. Dan għandu jgħin lill-qarrejja biex jifittxu l-aspett legali f'dak kollu ta' madwarhom.*

*Il-Bord iddeċieda wkoll li jagħmel xi tibdil tekniku fil-ġurnal. Ċekkinna l-format għal daqs li nisperaw li hu aktar komdu. Għażilna wkoll disinn ġdid li, b'mod attrajenti, jippreżenta l-ideal li aħna lkoll għandna nsegwu. Fl-aħħar, biddilna l-isem: issa l-ġurnal jismu ID-DRITT. Filwaqt li żammejna d-denominazzjoni ingliża, dehrilna li isem Malti jagħti xhieda aħjar tal-kultura legali tagħna, li hija separata u indipendenti. Fl-istess ħin, l-isem ID-DRITT jesprimi bil-qawwa l-idejal tal-ġustizzja murija fl-istatwa li hemm fid-disinn.*

*Nisperaw li din l-edizzjoni togħġob lill-qarrejja. Fuq kollox, nittamaw li kullħadd jikkopera f'dak li jirrigwarda artikli. B'hekk biss jista' l-entużjażmu ta' studenti jitwettaq f'edizzjonijiet oħra ta' dan il-ġurnal.*

CHARLES DEBATTISTA

Editorial Note: January, 1975

*This edition of the Law Journal is the result of long weeks of hard work by the present Editorial Board. It does not purport to be perfect: it purports only to be the best we could do with the limited time and funds at our disposal.*

*Our aim has been throughout to provide our University and our legal professions with a respectable platform for the airing of views and publication of articles in the legal field. With this in mind, the Board has set about giving the journal a stabler and more permanent basis. However, the attainment of these aims does not depend wholly on the efforts of an Editorial Board. It is imperative first of all that all those concerned with the practice and teaching of law in this country feel the necessity for the existence and maintenance of such a journal. Members of the Bench, Magistrates, Lawyers, Notaries, Legal Procurators as well as members of the Academic Corps should do their best to provide the journal with a steady stream of contributions: it is only thus that we can start to cultivate a proper sense of Maltese Legal Literature. Students too should shed all lack of confidence and get down to putting in writing the fruits of their studies for the benefit of all.*

*The present issue represents more or less what we mean by all this. We have attempted to maintain a balance between contributions by students and contributions by professionals. We have also widened the field by including articles from an accountant, a psychiatrist and a forensic expert. This will surely help readers 'to seek a legal aspect in the whole environment around them'.*

*The Board has also decided to make some technical alterations to the journal. The format has been reduced to what is hoped is a more convenient size. We have also chosen a new design which attractively puts forward the ideal we should all be following. Finally, we have changed the title to 'ID-DRITT'. While retaining the English designation, the Board has felt that a Maltese title would be a more appropriate expression of our separate and independent legal culture. At the same time, the name 'ID-DRITT' sets forth in bold black and white the ideal of justice expressed by the Statue below.*

*It is hoped that this issue meets with the support of our readers. Above all, we hope that co-operation will be forthcoming from all quarters in the way of contributions. It is only thus that willingness and enthusiasm of students can be translated into future editions of this journal.*